**Stqarrija Stampa Konġunta – 04/02/2026**

**Id-Dwejra se tinxtegħel bid-dawl: il-liġi ta' "protezzjoni" tal-Gvern hija tradiment ċar tad-Dwejra u frodi fuq il-pubbliku**

L-organizzazzjonijiet iffirmati hawn taħt jikkundannaw, bl-aktar mod qawwi possibbli, l-abbozz ta' liġi distruttiva mfassla mill-Gvern taħt il-pretensjoni li qed "jipproteġi" d-Dwejra. Din il-liġi ma tipproteġix id-Dwejra. Qed tħarbatha. Hija attakk ikkalkulat fuq l-aħħar sit mudlam li fadal fil-Gżejjer Maltin, moħbi wara lingwaġġ li jqarraq bil-pubbliku.

Il-liġi se tippermetti l-introduzzjoni legali tad-dawl fid-Dwejra. Li tippermetti dawl sa nofsillejl fid-Dwejra huwa kompletament inkompatibbli mal-Pjan Lokali ta' Għawdex u Kemmuna, li fil-politika tiegħu dwar *Dark Sky Heritage Areas* (GZ-DARK-1) jistipula b'mod ċar u bla ambigwità li m'għandu jkun hemm ebda dawl f'dan is-sit. Id-dlam mhuwiex karatteristika estetika li tista' tiġi nnegozjata – huwa l-essenza ta' dak li jagħmel id-Dwejra sit uniku, ta' valur xjentifiku, u ekoloġikament insostitwibbli.

Madankollu, il-Gvern issa qed jipproponi sitwazzjoni fejn id-dawl huwa espliċitament permess, u fejn "kwalunkwe attrezzattura tad-dawl estern permanenti ġdida" suppost hija pprojbita sakemm ma tkunx permessa mill-Awtorità. Din mhijiex protezzjoni. Din hija lakuna kbira biżżejjed biex jgħaddi minnha trakk mixgħul bil-floodlights! L-intenzjoni vera hija ovvja: li jiġu leġittimizzati dwal illegali *eżistenti* u hekk imsejħa "mhux permanenti", li dawn jibqgħu hemm, u li tinfetaħ it-triq għal aktar degradazzjoni permezz t'eċċezzjonijiet.

Agħar minn hekk, l-abbozz tal-liġi apertament jippermetti ċerti tipi ta' dawl. Dan huwa indefensibbli. Id-Dwejra – fuq l-art daqskemm fuq il-baħar – għandha tibqa' mudlama minn inżul ix-xemx sa tlugħ ix-xemx, mingħajr ebda eċċezzjoni. Is-sema ta' billejl tad-Dwejra jiġbed nies minn kull qasam tal-ħajja. Id-dlam tagħha huwa essenzjali għall-osservazzjonijiet astronomiċi, għall-edukazzjoni u t-taħriġ ta' studenti li jwettqu xogħol xjentifiku, u għall-konservazzjoni ta' speċi vulnerabbli bħall-garnija, li tiġi fatalment diżorjentata mid-dawl artifiċjali. Hawnhekk m'hawnx dawl "aċċettabbli". Qatt ma kien hemm.

Din il-liġi kellha tgħid sentenza waħda sempliċi u onesta: **l-ebda dawl estern m'għandu jkun permess minn inżul ix-xemx sa tlugħ ix-xemx** – eżatt kif diġà jitlob il-Pjan Lokali. Ebda eċċezzjoni, ebda permessi diskrezzjonali, u ebda lok li wieħed jgħaddi mit-tieqa.

L-ERA u l-ministru responsabbli ma jistgħux jippretendu li ma kinux jafu. Ġew imwissija – b'mod ċar, qawwi, u ripetutament. Id-*Dwejra Steering Committee*, li fuqu servew uħud mill-NGOs iffirmati, kien kontra din l-atroċità. Minflok ma sema', il-Gvern għażel li jgħaddi minn fuq kulħadd. Għalhekk mhux ta' b'xejn li l-istess dokument issa se jnaqqas ir-rappreżentanza tal-NGOs fuq il-kumitat għal membru wieħed biss u anke jneħħi lid-delegat ta' Malta tal-UNESCO. Dan mhux qed jissimplifika; huwa twarrib deliberat ta' vuċijiet indipendenti u ta' skrutinju serju.

Is-sema ta' billejl tad-Dwejra ġiet difiża għal bosta snin permezz ta' riċerka, konsultazzjoni, u kunsens wiesa'. Il-Gvern issa għaffeġ dan kollu, u jrid jimxi 'l quddiem bi proposta li tħassar il-fiduċja, tinjora x-xjenza, u tiddieħaq bid-dmir pubbliku.

Sa minn Marzu tal-2025, koalizzjoni wiesgħa ta' organizzazzjonijiet akkademiċi u ambjentali ħarġet b'vuċi waħda titlob protezzjoni aktar b'saħħitha, mhux aktar dgħajfa, tas-sema ta' billejl ta' Dwejra. B'mod arroganti, dik is-sejħa ġiet injorata.

Dan każ klassiku ta' daħq fil-wiċċ fir-rigward tal-ambjent: Gvern li jippretendi li jimpurtah filwaqt li jagħmel eżattament l-oppost; li jitkellem dwar protezzjoni waqt li jawtorizza d-distruzzjoni; li jinvoka s-sostenibbiltà waqt li jarmi fiż-żibel pariri xjentifiċi u s-sens komun. Id-Dwejra m'għandhiex bżonn liġijiet kosmetiċi u slogans vojta. Għandha bżonn id-dlam, l-integrità, u l-kuraġġ li jingħad le. Dan l-abbozz ifalli fuq kull livell.

Insejħu lill-Onor. Miriam Dalli biex b'urġenza tbiddel id-direzzjoni u ttemm l-istqarrijiet vojta ta' protezzjoni, filwaqt li tippresiedi fuq iż-żarmar sistematiku ta' wieħed mill-aktar assi naturali prezzjużi ta' Malta. Dan l-attentat tal-mistħija li l-ħsara ambjentali tiġi ppreżentata bħala tmexxija responsabbli huwa intellettwalment diżonest u moralment fallut.

Nappellaw ukoll direttament lill-Onor. Clint Camilleri, Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar, u Għawdxi hu wkoll. Id-Dwejra mhijiex fajl astratt ta' politika – hija parti mill-identità u l-wirt t'Għawdex. Jekk Camilleri tassew jimpurtah minn gżiritu, dan huwa l-mument li fih għandu jqum u jkun preżenti. Is-skiet f'dan l-istadju jinftiehem bħala kompliċità fil-qerda ta' dak li ftit li xejn baqa' mhux mittiefes.

Qed nieħdu nota ċara ħafna tad-direzzjoni li qed jagħżel il-Gvern. Dan id-dokument jibgħat sinjal qawwi u inekwivokabbli dwar l-interessi ta' min qed jiġu moqdija, u għall-prezz ta' min. L-Istorja, il-komunità xjentifika, u l-pubbliku se jiġġudikaw.

Aħna se niġġieldu b'saħħitna kollha biex niddefendu d-Dwejra minn dan l-att ikkalkulat u irreversibbli ta' vandaliżmu ambjentali.

Il-pubbliku huwa mħeġġeġ bil-qawwa biex jibgħat l-oġġezzjonijiet tiegħu fuq era.policy@era.org.mt sal-**3 ta' Marzu, 2026** u jżomm ikkupjat lil savingdwejra@gmail.com. L-email għandu jinkludi l-kliem: "Id-dawl fid-Dwejra għandu jinżamm mitfi minn inżul ix-xemx sat-tlugħ tagħha, u mhux jitħalla mixgħul sa nofsillejl."

**Firmatarji:**

Birdlife Malta
Din l-Art Ħelwa
Din l-Art Ħelwa Għawdex
Flimkien għal Ambjent Aħjar
Friends of the Earth Malta
Għawdix
Moviment Graffitti
Ramblers Malta
The Astronomical Society of Malta
Wirt Għawdex